MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1305/2004

**Talba Nru: 1305/04PBC**

**Primrose Poultry Products Limited**

**Vs**

**Toni Zammit u Koperattiva tat-Tjur Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu s-somma ta' elf mija u tnejn u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,192.70c) solidarjament bejniethom rapprezentanti prezz mhux imhallas ta' flieles mibjugha u kkonsenjati.

Fil-konfront tal-Ko-Operattiva tat-Tjur dan huwa parti minn somma akbar.

Ra r-Risposta ta' Toni Zammit li biha wiegeb preliminarjament illi m'hemmx solidarjeta' sia fil-konsenja u sia fl-assenjazzjoni ta' l-obbligu tal-parti da parti ta' l-eccipjenti. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-intimat ma xtara l-ebda flieles minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandux hlasijiet x'jaghtiha. Illi l-intimat jixtri l-flieles minghand il-Ko-Operattiva tat-Tjur Limited li da parti taghha tixtrihom minghand is-socjeta' attrici. Skond prattika li giet accettata mill-istess attrici, hija tithallas unikament mill-Ko-Operattiva konvenuta. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe tjur li l-eccipjent seta' xtara minghand l-attrici, gew imhallsa minnu pjenament. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-Ko-Operattiva debitament notifikata ma ressqet l-ebda Risposta.

Sema' x-xhieda ta' George Borg, Robert Borg, Toni Zammit, Gejtu Pace, Emanuel Agius, George Cini u Salvu Grima.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Kris Borg ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Karl Briffa ghall-konvenut Toni Zammit.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici hija *a licensed hatchery* tal-flieles tat-tigieg filwaqt li Toni Zammit huwa *a licensed breeder* ta' l-istess tigieg. Is-socjeta' attrici tissuplixxi *one day old chicks* lill-*breeders* li jrabbuhom u eventwalment il-*breeders* jikkonsenjaw it-tigieg imrobbija ghand *processor.*

Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici semplicement tissuplixxi l-*one day old chicks* u jirrizulta illi kien hemm zewg ko-operattivi, wahda ghall-*breeders* ta' Malta u l-ohra ghall-*breeders* ta' Ghawdex. Il-konvenut huwa membru tal-Ko-

Operattiva ta' Ghawdex. Il-ftehim li kien sar bejn l-attur u z-zewg ko-operattivi kien fis-sens illi l-ordnijiet jidhlu tramite l-Ko-Operattiva u meta l-flieles jigu kkonsenjati lill-*breeder*, johrog *invoice* bir-rata ta' tmintax-il centezmu (Lm0.18c) ghal kull fellus b'dan illi mbaghad is-socjeta' attrici taghti *commission* ta' zewg centezmi (Lm0.02c) ghal kull fellus lill-Ko-Operattiva biex b'hekk is-socjeta' attrici jkollha dhul nett ta' sittax-il centezmu (Lm0.16c) ghal kull fellus.

Il-kaz odjern m'huwiex wiehed mill-kazijiet soliti billi jirrizulta ppruvat illi l-Ko-Operattiva tat-Tjur ta' Malta kellha ordni ta' flieles izda ma kellhiex *breeders* li setghu jilqghu ghandhom dawn il-flieles u ghalhekk hija avvicinat lill-*breeders* Ghawdxin (li ma kienux membri taghha), fosthom lill-konvenut sabiex huwa jghinha illi ssib lil min dawn il-flieles jistghu jigu kkonsenjati u fil-fatt Toni Zammit flimkien ma' Emanuel Agius u ohrajn kienu accettaw li jircievu dawn il-flieles. Gara illi effettivament lil Toni Zammit gew konsenjati sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus.

Is-socjeta' attrici tikkontendi li hija ma thallsitx ta' din il-konsenja mentri l-konvenut jghid illi huwa ma xtara xejn minghand is-socjeta' attrici izda t-transazzjoni bejnu saret mal-Ko-Operattiva u li hu effettivament kien hallas lill-Ko-Operattiva. Da parti taghha mbaghad is-socjeta' attrici ssostni illi meta saret il-konsenja tal-flieles u hawn issir referenza ghad-dokument a fol 51 tal-process, l-obbligu ghall-hlas mill-Ko-Operattiva tat-Tjur u minn Toni Zammit huwa *jointly and severally*. Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi l-kliem *jointly and severally* ma kienux miktubin meta sar id-*delivery* izda nkitbu wara u li hu qatt m'accetta li jkun *jointly and severally liable* flimkien mal-Ko-Operattiva tat-Tjur fil-konsenja in kwistjoni.

Fl-ewwel lok it-Tribunal jidhirlu illi kif ser jirrizulta aktar 'il quddiem, ghal determinazzjoni ta' din il-kawza, m'huwiex necessarju li dan it-Tribunal jiddeciedi jekk il-kliem *jointly and severally* kienux miktubin qabel jew wara li saret il-konsenja u ghalhekk dan l-aspett ser jibqa' mhux deciz.

Illi ghalhekk it-talba ghall-hatra ta’ Espert Kaligrafu qed tigi respinta.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi wara li l-konsenja saret, is-socjeta’ attrici ma thallsitx mill-ewwel u fil-fatt mix-xhieda jirrizulta wkoll illi sussegwentement il-Ko-Operattiva tat-Tjur ta’ Malta kellha diversi problemi u kien hemm konfuzjoni shiha tant li l-President tal-Ko-Operattiva rrizenja. Dahal Gejtu Pace biex jipprova jara jirnexxielux isalva s-sitwazzjoni w effettivament jirrizulta mill-provi illi George Borg, ghan-nom tas-socjeta’ attrici, talab lil Gejtu Pace sabiex jigborlu l-flus minghand l-Ghawdxin, fosthom minghand il-konvenut.

Effettivament Gejtu Pace rnexxielu jaghmel kuntatt mal-konvenut u rnexxielu jigbor il-flus li l-konvenut kellu jhallas tal-flieles mertu tal-kawza u huwa nforma lis-socjeta’ attrici. Fix-xhieda tieghu li tinsab a fol 67 tal-process huwa jghid hekk:

“Jien fil-fatt cempilt lis-Sur George Borg tal-Primrose u nfurmajtu li kelli c-cekkijiet taghhom f’idejha ghas sadanittant kienu bghatuli c-cekk u kont ser nibghatlu dawn il-flus u bghattomlu ma’ Bastjan Briffa u mieghu kien hemm xi haddiehor, jidhirli ……. certu Zaru. Lis-Sur Borg infurmajtu li dawn ic-cekkijiet kienu versu l-hlas tal-flieles li kienu hadu dawn it-tlett Ghawdxin. Jien lis-Sur Borg dan ghidtulu bit-telefon u anki lil Bastjan ghidtlu ezatt ghal x’hiex kien qed isir dan il-hlas. Di fatti qabel ma tlaqt ic-cekkijiet mas-Sur Borg harget ircevuta minn taht idejna li konna rcevejna dawn il-flus minghand l-Ghawdxin. Dan il-hlas sar fiz-zmien meta kien ghad hemm konfuzjoni shiha tal-Ko-Operattiva. Kien ghadu kif telaq Gafa` u jien ma nkunx naf l-istatus ezatt kif kienet.”

Effettivament ic-cekk intbaghat lis-socjeta’ attrici, l-Ko-Operattiva ffirmat fuq wara ta’ l-istess cekk, ic-cekk gie msarraf mis-socjeta’ attrici u l-flus dahlu fil-kontijiet taghha. Is-socjeta’ attrici qeghda tikkontendi illi hija wzat dawn il-flus li rceviet biex jinqata’ parti ohra mill-kont tal-Ko-Operattiva izda f’dan ir-rigward jidher car mid-diskors ta’ Gejtu Pace li t-Tribunal jemmen li jirrifletti l-verita` ta’

dak li attwalment sehh, li meta dawn il-flus intbaghtu lis-socjeta’ attrici, kien miftiehem espressament bejn il-partijiet li l-flus kienu qed jintbaghtu biex jinqatghu l-kontijiet ta’ l-Ghawdxin.

Dawn il-flus gew hekk accettati mis-socjeta’ attrici. Jinghad ukoll illi c-cekk li kienet gabret il-Ko-Operattiva, jigifieri li gabar Gejtu Pace, kien gie migbur espressament minghand l-Ghawdxin fuq talba ta’ George Borg tal-Primrose biex jinqata’ l-kont ta’ l-Ghawdxin u ghalhekk jidher evidenti illi l-flus li l-konvenut hallas lill-Ko-Operattiva kienu flus li kienu ndirizzati biex jinqata’ l-kont ta’ sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus imsemmija u konsegwentement ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut hallas dak li kellu jhallas ta’ sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus bir-rata ta’ sittax-il centezmu (Lm0.16c).

Il-Primrose kellha dritt tithallas kemm minghand il-Ko-Operattiva kif ukoll minghand il-konvenut. Minghand il-Ko-Operattiva minhabba l-kuntratt li sar bejniethom u minghand il-konvenut billi huwa kien il-kompratur li kien qed jixtri tramite s-servizzi prestati mill-Ko-Operattiva. Pero’ t-Tribunal jidhirlu li mill-provi jidher lampanti li l-konvenut hallas il-prezz tal-flieles u li l-hlas wasal ghand is-socjeta’ attrici li f’dak il-mument kienet taf li l-hlas kien qed isir mill-Ghawdxin biex jinqata’ l-kont taghhom. Il-fatt li George Borg talab lil Gejtu Pace jigborlu l-flus minghand l-Ghawdxin, kif effettivament gara, jxejjen ghal kollox is-sottomissjoni maghmula mis-socjeta’ attrici li meta rceviet il-flus kellha kull dritt timputa dan il-hlas ghal dejn iehor tal-Ko-Operattiva.

Jibqa’ biex jinghad illi bejn l-ammont imhallas u l-ammont mitlub fil-kawza hemm differenza konsistenti fir-rata ta’ zewg liri Maltin (Lm2) ghal kull fellus li jirrapprezenta l-*commission* dovut lill-Ko-Operattiva. Dwar dan jinghad illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-prezz miftiehem ghall-flieles kien bir-rata ta` sittax-il centezmu (Lm0.16c) u din ir-rata giet miftehma bejn il-Ko-Operattiva u l-konvenut Zammit u konsegwentement il-konvenut Zammit bl-ebda mod ma ta immaginazzjoni li jista’ jigi mitlub ihallas aktar minn dak li

ftiehem ghalih. Id-differenza ta' zewg centezmi (Lm0.02c) hija differenza illi tirrijentra fir-relazzjoni li hemm bejn il-Ko-Operattiva u s-socjeta' attrici. Galadarba fuq kull fellus is-socjeta' attrici taghti *commission* ta' zewg centezmi (Lm0.02c) lill-Ko-Operattiva t-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici ma tistax titlob din id-differenza minghand il-Ko-Operattiva stante li din awtomatikament tigi pacuta mal-*commission* dovuta lill-istess Ko-Operattiva.

Galadarba gie stabbilit li l-ammont mitlub thallas, il-kwistjoni dwar kif u meta nkitbu l-kliem "*jointly and severally*" fuq id-*delivery note* ssir irrilevanti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------